**<u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>**

**DECIZJONI NUMRU 2660**

**Kaz Numru 3244/14/AM**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Emanuel Mifsud**

**u**

**AX Hotels Operations Limited**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum 28 ta' Frar, 2020

**<u>Chairperson: Dott. Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip.Tax (MIT)</u>**

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrent sabiex jigi ddikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet wahda ngusta u per konsegwenza jordna li huwa jerga' jidhol ghax-xoghol u jew li jinghata kumpens xieraq u adegwat.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu Emanuel Mifsud (fol 7) jiddikjara li huwa kien impjegat mas-socjeta' msemmija bhala 'Night Receptionist' u kien ilu jaghmel dan ix-xoghol fil-lukanda Sunny Coast Resort ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin minghajr ebda problemi; li s-Superjuri tieghu kellmuh dwar allegat molestja sesswali fuq mara ohra li kienet tahdem fl-imsemmija lukanda; li meta kellmuh is-Superjuri tieghu dwar dan qatt ma ntqal xejn dwar min suppost kienet il-persuna li rrapurtatu u huwa qal lis-Superjuri tieghu x'kien jahseb u min haseb li rrapurtah; li f'dan ix-xenarju l-esponenti kellu battibekk ma' certu Annabelle Monreal li dak iz-zmien kellha grad ta' Reservation Manager; li l-argument jekk jista' jissejjah hekk kien ghaliex huwa dejjem cahad kull akkuza li bdiet tigi addebitata lilu u dak li ghamel ghamlu biex jiddefendi l-allegazzjonijiet mhux veritieri li kienu qed isiru fuqu; li huwa kellu paga ta' €5.50c fis-siegha ghax-xoghol tieghu u bejn wiehed u iehor kien jaqbad f'idu xi €900 fix-xahar circa. Li huwa ghandu 57 sena u ghadu bla mpjieg.

Ra d-dikjarazzjoni tal-kaz u r-risposta tas-socjeta' ntimata li permezz taghha eccepiet l-eccezzjoni ta' nullita tal-azzjoni minhabba li fiha mankanzi li jmorru kontra l-principji tal-gustizzja naturali li jgibu tali nullita; li Emanuel Mifsud kemm-il darba uza lingwagg oxxen, intimidatorju u provokattiv fil-konfront tas-Superjuri u Kollegi

tieghu pero' allavolja gie mwissi kemm-il darba dwar il-komportament tieghu baqa' jiddeporta ruhu b'dan il-mod; li Mifsud ipprova jaghmel hsara lill-esponenti billi b'malizja u b'gideb ipprova jqieghed lill-Management tal-esponenti f'dawl ikrah ma' diversi mpjegati ohra b'rizultat li kien ta' theddida ghall-operat kollu;

Li Mifsud ammetta wkoll b'mod esplicitu fil-presenza tas-Sur David Jaccarini (General Manager), is-Sur Joseph Borg (Financial Controller) u l-avukat sottofirma li kien ta fastidju sesswali lill-impjegati u espona ruhu b'mod sesswali quddiem Kollegi tieghu. Illi dawn il-fatti gew fil-fatt verifikati mill-vittmi tal-abbuz tieghu; li in vista tas-suespost ir-rikorrent ma halla lill-kumpanija esponenti ebda alternattiva ghajr li titterminalu l-impjieg tieghu; li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Is-socjeta' ntimata prezentat is-segwenti provi:

Affidavit ta' Charmaine Bonnici li fl-affidavit taghha stqarret li hija tahdem bhala Day Receptionist mall-kumpanija AX Hotel Operations Limited gewwa Sunny Coast Resort Triq il-Qawra, Qawra, u ilha tahdem mall-kumpanija minn Dicembru 2013. Hija tghid li fil-bidu ta' Jannar 2014 meta hadet over minghand ir-rikorrent huwa pprova jmissha pero' rnexxielha titlaq minn hdejh; huwa beda jidhaqha pero' hija qatetlu fil-qasir u qaltlu biex jaghtiha l-handhover biex tkun tista' tibda xogholha; minn dakinhar sal-ahhar ta' Frar 2014 huwa kemm-il darba ghamel mossi oxxeni u suggestivi fil-presenza taghha nkluz li jmiss il-parti tieghu quddiemha. U fil-bidu ta' Marzu huwa ma baqax b'dan l-atteggjament maghha u li sa meta ghamlet l-affidavit qatt ma qalet xejn lill-Management tal-kumpanija.

In kontro-ezami Charmaine Bonnici fol 119 et xehdet li Mifsud kien jaghmel mossi oxxeni, jmiss il-parti tieghu u jidhkilha u dan kien fil-bidu ta' Jannar 2014 u dawn kienu jsiru meta jinbidel ix-shift. Hija bdiet tahdem f'Dicembru 2013 mas-socjeta' rikorrenti u ghadha tahdem hemm. Hija tghid li meta rat dawn il-mossi oxxeni marret titkellem ma' ta' fuqha u li dawn il-mossi oxxeni kienu jsiru xi kultant. Kien ukoll gieli jiccajta doppju sens. Hija tichad li qatt rat mossi oxxeni jew kliem doppju sens jew xi tip ta' sexual harassment minghand Jaccarini u cahdet li gieli fethet qalbha mar-rikorrent dwar dan. Dawn il-mossi oxxeni minn Mifsud kienu jsiru filghodu meta ma jkunx hemm nies. Hija tghid li mall-Manager fethet qalbha.

Fl-affidavit taghha Maria Eucharistica Taylor li tahdem bhala Timeshare Coordinator mall-istess kumpanija fis-Sunny Coast Resort u li hija bdiet tahdem mill-5 ta' Dicembru 2007 ma' din il-kumpanija bhala Day Receptionist. Hija tghid li Mifsud kien jghaddi hafna kummenti oxxeni u provokattivi u hija kienet tinjorah. Darba ghal habta ta' Frar 2008 meta kien ser jispicca x-shift taghha u kienet qed taghti

handover lil Mifsud li dahal xoghol warajha, huwa dahal fl-ufficju tar-reservations li qieghed biswit il-front office u ghajtilha u huwa kien fid-dlam u meta resqet lejh hija rrealizzat li huwa kien neza l-qalziet u hija mall-ewwel ingibdet u huwa qallha b'mod oxxen sabiex tkompli mieghu. Hija pruvat tohrog il-barra pero' huwa pprova jzommha u fl-ahhar irnexxielha tahrablu u harget il-barra mill-kamra. Lill-Management hija qatt ma qalet xejn sa dakinhar li ghamlet l-affidavit. Qabel il-Management ippruvaw ikellmuha izda hija rrifjutat li titkellem.

In kontro-ezami fol 124 et Maria Eucharista Taylor xehdet li Mifsud kien jitkellem hafna kliem oxxen u jipprova jidhol naqra aktar tant li darba minnhom prova li jkollha x'taqsam mieghu. Dan gara fis-sena 2008. Ir-raguni ghaliex irrapurtat dan fis-sena 2014 hija li ma tantx hija kwistjoni li tiehu pjacir titkellem fuqha. Hija tghid li mis-sena 2008 sas-sena 2014 ma komplitx daqshekk l-affari ghax bdiet taqta' bil-mod biex ma jigrux. Hija tghid li l-Management gieghluha titkellem u li marret tirrapporta fis-sena 2014 meta Mifsud waqaf jahdem maghhom.

Hija tghid li fis-sena 2008 kienet Day Receptionist u dawn il-mossi oxxeni u attentati fuq l-pudur taghhom kienu jsiru fil-hinijiet li jkunu ha jibdlu x-shift. Hija tammetti li ma setghetx tinzel hdejn il-pool ghax skond hi nholqot storja li hija u xi hadd mill-Kollegi tax-xoghol kien hemm xi haga bejniethom. Hija tichad li qatt rat ghajn hazina minn Jaccarini u li qatt ma taha kunfidenza. Hija tghid li Mifsud ma kienx jattendi parties tal-festi tal-Milied izda Jaccarini iva.

David Jaccarini (fol 39 et) General Manager tas-Sunny Coast parti minn AX Hotels xehed li ilu f'din il-kariga ghal hmistax-il sena u lir-rikorrent jafu. Huma kienu hargulu c-charge wara li Charmaine Bonnici u Maria Taylor impjegati mall-istess socjeta' kienu marru jkellmuhom u kkomplejnjaw u rrappurtaw fuq sexual harassment li kellhom u ghamlu affidavit u ghalhekk hargulu c-charge. Meta qrawlu dawn ic-charges ta' sexual harassment huwa ammetta li kien ghamel dawn l-affarijiet u li ghalih kienu qishom affarijiet normali li jsiru gol-lukandi u li qallhom li kellu xi problemi mall-mara. Wara li l-impjieg tieghu gie terminat r-rikorrent beda jibghatlu messaggi bil-mobile u esebixxa dawn il-messaggi.

A fol 143 David Jaccarini in kontro-ezami xehed li wara li tkecca Mifsud qal hafna affarijiet izda qabel le. Huwa jghid li waqt il-parties tax-xoghol ma rax kundifenzi. Huwa bbaza c-charges fuq l-affidavits ta' Bonnici u ta' Taylor. Huwa jghid li l-ewwel giet wahda taghmel rapport u wara marret l-ohra u anke flimkien. Qabel ma ghamlu dawn ir-rapporti Mifsud kien irrapporta li kellu problemi ma' Annabelle Monreal fuq booking u mhux fuq flus neqsin kien allega r-rikorrent. Huwa jikkonferma li meta ltaqghu ma' Mifsud ma tawhx warning li dak li ser jghid jista' jintuza kontra tieghu. Huwa jichad li kellu kundifenza ma' Patricia Grima anke meta gie muri l-kartolina li hija baghtitlu u li ma kellux jikkoregiha ghax ma kellhomx kunfidenza zejda.

A fol 31 xehed Joseph Borg Group Financial Controller mall-istess socjeta' li meta huwa sema dak li qalulu Charmaine Bonnici u Maria Taylor huwa cempel lill-Avukat tal-kumpanija Dr Wain li qallu biex dawn it-tnejn jaghmlu affidavit dwar dak li kienu qalulu. Kif kellhom dawn l-affidavits huwa hargu letter of charge li fiha kien hemm sitt punti fosthom dik ta' sexual harassment. Tawh hamest ijiem biex jirrispondi ghal dawn il-punti u hekk ghamel. Meta lir-rikorrent huma qrawlu mill-affidavits ta' Bonnici u Taylor, Borg jghid li Mifsud baqa' sorpriz ghax ma kienx jaf li dawn l-affarijiet jammontaw ghall-sexual harassment. Huwa qallhom li ghandu problemi d-dar mall-mara tieghu u Joseph Borg jghid li l-kliem ezatt li qalilhom kien li l-mara tieghu ilha ma tmissu tnax-il sena u li ghalih dawn l-affarijiet huma normali li jsiru fil-lukandi.

Huwa spjega li l-kumpanija ghandha zero tolerance dwar sexual harassment. Huwa jghid li wara li Mifsud gie sospiz huwa rcieva diversi sms's minghand Mifsud li kienu qed jaqbzu kull limitu u li huwa jqis li kienu ntimidanti u pprezenta kopja tal-istess.

A fol 130 Joseph Borg xehed li l-ewwel marret Charmaine tirraporta u wara marret Maria Taylor. Meta baghtu ghalih l-posizzjoni tal-avukat David Wain ma kinitx bhala Avukat tal-kumpanija izda bhala membru tal-Head Office u ghalhekk ma talbux lil Mifsud ikun assistit minn Avukat.  Fiz-zewg meetings li saru mieghu Mifsud ma cahad ebda akkuza. Li huwa beda jaqralu l-affidavits ta' Charmaine u ta' Maria minghajr ma jindikalu min ghamilhom u hu mall-ewwel semma l-isem ta' Maria u qallu li huwa ma jifhimx fil-lukandi ghax dawn l-affarijiet huma normali f'lukanda. Huwa qallu li ma kienx jaf li dan l-agir jammonta ghal sexual harassment. Ghal Borg tali agir huwa aktar minn sexual harassment ghax meta tinza l-qalziet quddiem employee ohra fid-dlam u tigbidha u tghidilha li trid taghmel maghha dak iktar minn sexual harassment. Huwa jghid li mar-Reception hemm kamra tar-reservations li jkun hemm fiha r-Reservations Manager. Huwa ma jafx li Jaccarini jaghti kunfidenzi zejda lil xi mpjegati ohra fosthom lil Patricia Grima u lil Lilian kif jikkonkludi bhala 'absolute rubbish' l-allowance ta' 80 ewro zejda li nghatat lil Lilian. Huwa jghid li l-kumpanija ghandha manual li jghid li ma jistax ikun hemm sexual harassment fuq il-post tax-xoghol. Meta muri kartolina li Jaccarini rcieva minghand Patricia Grima, li turi li Jaccarini jirreferi ghaliha bhala sunshine butt. Huwa jghid li l-messaggi li rcieva minghand Mifsud ma jaffettwax id-decizjoni tieghu; li Monreal spiccat imkeccija mill-kumpanija, u kkonferma l-ammissjoni ta' Mifsud meta baghtu ghalih u saqsewh dwar l-affidavits ta' Bonnici u ta' Taylor.

Fl-affidavit tieghu a fol 170 Joseph Borg jghid li huwa Group Financial Controller tas-socjeta' AX Hotel Operations Limited kumpanija li tifforma parti mill-group AX

Holdings u jghid li fit-18 t'Awissu, 2017, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar kien fil-hanut Pane Di Vita Triq San Gwann Bosco, Dingli, meta dahal r-rikorrent fil-hanut u f'widnejh qallu 'inpattijielek'. Dan gara hekk kif l-assistententa tal-hanut illargat ftit u meta regghet dahlet l-assistenta huwa rrispondih Manuel oqghod attent x'int tghid. Huwa quddiem l-istess assistenta rrisponda 'm'ghidt xejn' u kompla jghid "Mhux ghax tahsibni hamallu kollni tpingija" u Borg jghid li ma fehmx f'liema kuntest intqal dan il-kliem. Kif hareg mill-hanut Mifsud baqa' jsegwih safejn kellu l-karozza pparkjata u dahal fil-karozza u ghalaq il-bieba u Mifsud beda jhabbatlu fuq il-hgiega b'certu sahha u tenna l-kliem 'jekk ma ngibiex zewg inpattiha lil uliedek' huwa mar l-ghassa u ghamel rapport li annetta mall-affidavit. Borg jghid ukoll li huwa u Jaccarini kienu ghamlu rapport iehor meta Mifsud beda jibghatilhom messaggi bl-sms li kienu ntimidatorji. Il-Pulizija kienu kellmuh dak iz-zmien u wissewh biex ma jkellimhomx.

A fol 54 xehed fix-xhieda tieghu r-rikorrent halef fuq uliedu li dak li qalu fuqu hu kollu gideb. Huwa jghid li Anabelle Camilleri Monreal li kienet ir-Reservations Manager ghamlitlu l-hsara kemm kien ilu jahdem is-Sunny Coast meta huwa kien offrielha li jghinha peress li kien jaf lil xi hadd l-ghassa tal-Qawra fejn hija kienet tmur tiffirma. Huwa pprezenta estratt minn gurnali lokali li juri li Monreal instabet hatja ta' frodi mill-Qorti. Huwa qatt ma kellu problemi qabel fuq ix-xoghol tant li kienu anke tawh certifikat ta' long service wara hames snin mall-kumpanija (mit-traskrizzjoni jidher li huwa kien emozzjonali hafna waqt li kien qed jixhed).

Ir-rikorrent jammetti li kienu akkuzawh b'sitt charges u li izda ta' sexual harassment biss isemmu. Jghid li ma' wahda minnhom kellhom 'naqra dak' bejniethom u kienet tmur tintrass mieghu x'hin jiehdu l-hand over. Din hija Maria Taylor li giet ibbenjata tmur hdejn il-pool ghax qabdet ma' iehor u gennitu. Wara l-kaz din Maria Taylor kienet hadet ritratt tat-tieg tat-tifla, ghamlet il-make up tat-tifla u kien l-ewwel tieg li tawha biex tiehu hsieb ir-ritratti u l-make up.

Huwa jichad l-allegazzjonijiet ta' Charlene Bonnici li bdiet tahdem f'Dicembru u jekk ra sitt darbiet u f'sitt darbiet li ra zgur li mhux ser jaqbadha minn wara. Anke in kontro-ezami huwa cahad li ta fastidju sesswali lil Taylor u lil Bonnici.

Mistoqsi jikkonferma mill-Avukat tal-kumpanija Dr David Wain, li quddiemu ammetta li ghandu problemi mall-mara u ghalhekk ghamel dawk l-affarijiet li semmew Taylor u Bonnici fl-affidavit, r-rikorrent cahad dan u xehed li Taylor kienet tmur close mieghu b'sidirha mieghu izda wara akkuza lill-kumpanija li jmissha tisthi l-kumpanija li tizvela dak li fetah qalbu dwar il-mara.

Huwa jghid li Monreal kienet prezenti mall-General Manager meta huwa gie mkecci mill-kumpanija. Huwa semma c-charges of sexual harassment u assuma li kienu

female persons li qed jakkuzawh bihom ghax ma' wahda minnhom kellhom affarijiet zghar bejniethom fuq ix-xoghol. U semma lil Maria Taylor li kienet tintrass mieghu u tross mieghu meta jiehu l-hand over u hu kien jghidilha biex tersaq l'hemm ghax ser taghmillu l-hsara. Huwa jghid li l-kumpanija qatt ma qaltilhom x'inhu sexual harassment.

Huwa jghid li meta lmenta li kienu taw zieda ta' tmenin ewro allowance lil wahda mir-Receptionists u Jaccarini baqa' jiehu gurament li mhux veru Charmaine Bonnici ghamlitlu photocopy li kien ircieva d-dar biex ma tinkixifx. Huwa jakkuza lil Jaccarini li huwa haga wahda mar-Receptionist Patricia Grima li kienet tghidlu 'your sunshine butt'.

Huwa jghid li ghandu 59 sena u ta' 61 jiehu l-pensjoni; huwa kien jaghmel sitt xhur straight jahdem bil-lejl.

Huwa jghid li l-emails li kien jibghat lil Jaccarini kienu biex jirrangaw l-affarijiet bejniethom u baqa' ma jistax jifhem ghaliex l-Avukat tal-kumpanija baghat jinforma lill-Avukat tieghu li huwa kien ammetta li ta fastidju sesswali serju lill-Kollegi tieghu.

In kontro-ezami huwa jghid li sexual harassment mhux accettabbli ghalih u ghalhekk ma jaghmlux. Huwa rega' cahad li ammetta mall-Avukat tal-kumpanija li kien imiss lil dawn iz-zewg impjegati. Jammetti izda li akkuza minnhom kienet li kixef ruhu quddiem female member ta' l-istaff li miss persuna li kienet tahdem mieghu b'mod sesswali izda rega' cahad li li kien ammetta u li kellu problemi mall-mara.

Huwa jghid li Maria Taylor tmur b'sidirha jidher ghax thalli l-buttuna miftuha tippuppah lejh meta taghti jew jiehu l-handing over; li Lilian Receptionist ohra tmur r-Reception tohrog vibrator mill-basket u tghid li taghha b'dan iserrahha.

A fol 156 et r-rikorrent pprezenta kopja tal-FS 3 ghas-sena 2013, u payslip tal-paga bejn l-14 t'April 2014 u l-11 ta' Mejju 2014 u li minnhom jirrizulta li huwa ghas-sena 2013 kellu paga ta' €16364.79c grozz , €1366 taxxa u €1171.56c bolla cioe €13827.15 netti fis-sena u ghal perjodu bejn l-14 t'April 2014 sal-11 ta' Mejju 2014 huwa thallas paga netta ta' €619.41c. Huwa gie mkecci fit-28 t'April 2014.

A fol 19 fit-termination form jirrizulta li r-rikorrent kien impjegat bhala Night Receptionist full-time mas-socjeta' ntimata u li fit-28 t'April 2014 huwa gie dismissed on disciplinary grounds u li l-place work kien 'Hal Lija' mhux il-Qawra .

A fol 90 et xehdet Rowena Pace li kienet tahdem ma' Mifsud s-Sunny Coast bhala Receptionist matul il-gurnata u hu kien Receptionist filghaxija. Hija tghid li ghajn hazina minnu qatt ma rat, li kien outgoing u jghinnha fuq il-post tax-xoghol. Hija taf lil Maria Taylor bhala li ghandha karattru naqra difficli; u kienet tghir ghax il-

Managers kienu iktar kellhom grazzja maghha milli ma' Maria; ma' ta' fuqha cioe mar-Reservations Manager kienet hbieb sewwa.

A fol 94 et xehed John Galea li jaf lir-rikorrent bhala bniedem responsabbli, li jiehu hsieb, dixxiplinat u li ra hafna gid minghandu. Huwa kien is-Supervisor tieghu fil-Golden Sands Hotel u wara hadmu flimkien is-Sunny Coast. Huwa xehed li meta kienet issir il-handing over mat-tfajliet gieli ra kunfidenza zejda u mossi oxxeni. Lil Mifsud ma kienx jarah ghax kienu bix-shift kontra tieghu. Huwa jghid li kemm Taylor u kemm Bonnici kellhom naqra kunfidenzi zejda, anke mas-Superjuri taghhom kien josserva dan.

Xehed in kontro-ezami John Mario Galea fol 203 et li kkonferma li kienet taghmel Taylor kienet taghmel body touching meta taghti l-handing over bhal tmissek b'genbejha izda hu kien jaqta' mall-ewwel. Kienet ukoll tghid cajt doppju sens u hu kien jaqta' mall-ewwel. Cajt li kienet taghmel Taylor tipo 'x'gisem ghandek'.

Charmaine qatt ma qaltlu x'gisem ghandek izda kunfidenza zejda kien hemm u cahad li hija missitu. Kien ikun hemm touching waqt li tkun bilqeghda mhux dirett izda bejn diskors u bejn cajta jew ohra. Wara li telaq Mifsud mix-xoghol huwa lil Mifsud ma kellmux izda lill-Avukat tieghu iva sabiex jghidilha kienx ser jiehu l-leave meta jitla' jixhed.  Huwa ma kienx jaf x'ser issaqsih l-Avukat ta' Mifsud. Huwa jghid li lis-Superjuri qatt ma qallhom izda li offrietlu flus li kienu jghaddulha l-klijenti iva kien informa lis-Superjur tieghu. Huwa jikkonferma li Taylor u Bonnici kellhom kunfidenzi zejda tip ta' diskors doppju sens u kunfidenzi zejda ma' David Jacccarini.

Fis-seduta tal-11 t'Ottubru 2019 l-Avukat tas-socjeta' ntimata ddikjara li ma ghandux aktar provi.

Sema t-trattazzjoni tal-Avukat tas-socjeta' ntimata u t-trattazzjoni tar-rikorrent li talab li ssir minnu personalment.

**Konsiderazzjoni**

Ir-rikorrent qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq tkeccija ngusta.

Is-socjeta' ntimata qed teccepixxi li hija kellha raguni valida fil-ligi biex tkecci lil Mifsud u dan a bazi ta' fastidju sesswali li ta lil zewg impjegati taghha, Maria Taylor u Charmaine Bonnici.

**Tkeccija mill-impjieg**

B'mod generali jidher li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-

principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-

(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;

(2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza immedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;

(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

(4) Ta' mportanza, mbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi kommunikata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mall-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva. (Qorti tal-Appell sede inf. Per Imh Sciberras sentenza l ta' Marzu 2006 Appell Civili numru 1/2005 fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) limited.

Premessi dawn il-principji, jrid jinghad, b' referenza ghall-aspetti ventilati mill-appellanti.

**Fastidju Sesswali**

L-imsemmi Artikolu 29 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jissanzjona nuqqas sia jekk ikun gej mill-principal u sia jekk ikun gej minn impjegat.

L-artikolu 29 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta

(1) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju lill-impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jassoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, li rigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.

Fl-Art 29(2) insibu, testwalment hekk:-

"L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju sesswalment lill-impjegat iehor jew lill-principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artiklu msejjha vittma) billi ..." u hawn jghaddi biex jiddeskrivi atti sesswali kif gej:

(a) jassoġġetta l-vittma għall-att ta' intimità fiżika; jew

(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew

(ċ) jassoġġetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, nklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, fejn -

(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn il-vittma;

(ii) il-vittma tiġi ttrattata b'mod differenti, jew jista' raġonevolment jiġi antiċipat li l-vittma tista' tiġi hekk trattata, bħala riżultat tat-tiċħid jew is-sottomissjoni tagħha għal dak l-att, dik it-talba jew dik il-kondotta.

Mill-provi jirrizulta car li fuq il-post tax-xoghol kunfidenzi zejda kien hemm minn fuq sa isfel. Il-kartolina li rcieva Jaccarini l-General Manager minghand Patricia Grima li mill-kartolina jirrizulta li huwa kien jirreferi ghaliha bhala his 'sunshine butt'. Jirrizulta wkoll li l-kumpanija qatt ma ghamlet xejn biex dawn il-kunfidenzi zejda jinqatghu minn fuq il-post tax-xoghol ghalkemm tghid li ghandha tolleranza zero fuq il-post tax-xoghol.

Li minkejja din is-suppost tolleranza zero fuq il-post tax-xoghol ma jirrizultax li l-kumpanija harget sexual harassment policy u ghaddietha lill-impjegati kollha minn fuq sa isfel sabiex kulhadd ikun jaf x'inhu sexual harassment u l-implikazzjonijiet ghal min jinstab hati li kkommetta fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol u li jekk qabel kien jghaddi kollox, dan ma ghadux il-kaz u l-kumpanija ghandha tolleranza zero. Xejn minn dan ma jirrizulta li sar u dan meta huwa d-dmir tal-employer li jiehu dawk il-mizuri effettivi sabiex jipprevjeni 'harassment and sexual harassment in the workplace.'

Izda mill-provi jirrizulta li dan ma sarx ghax u lanqas kien hemm interess li jsir tenut kont li sahansitra l-General Manager Jaccarini kien ukoll jaghti kundifenzi zejda lill-impjegati u dan meta skond il-kumpanija hija kellha tolleranza zero ghall-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol.

Ma jistax jonqos li jinghad ukoll li l-principal ghandu l-obbligu li jiehu mizuri effettivi sabiex jimpedixxi kull forma ta' diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess, partikolarment il-fastidju u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol. Ebda mizuri ma jirrizulta li hadet il-kumpanija fir-rigward u li ghalhekk ghal certu mpjegati li kienu mdorrija jaghtu u jircievu fastidju sesswali kien xi haga normali. Huwa hawnhekk li dan it-Tribunal ihoss li hemm nuqqas serju da parti tal-kumpanija ntimata.

Dan it-Tribunal ihoss imma li l-aktar haga nkwetanti f'din il-vertenza hija l-atmosfera potenti mahluqa mill-Management, li jittollera certu kunfidenzi fuq il-post tax-xoghol meta jaf li dawn il-quddiem jistghu jkunu ta' danni ghalih hekk kif jixref dufrejh ma xi mpjegat jew impjegata li mieghu jew maghha qed jaccetta certu kunfidenzi fuq il-post tax-xoghol.

U ghalhekk fil-kuntest ta' dan kollu, dan it-Tribunal ihoss li l-kumpanija ntimata ma haditx dawk il-mizuri rikjesti u ma harget ebda code of practice dwar sexual harassment; liema code of practice tista' dejjem tiddawnlowdjah mill-website tan-National Commission for the Promotion of Equality for men and women b'xejn u ticcirkulah lill- impjegati l-ohra kollha.

Mehuda dawn il-konsiderazzjonijiet pero' ma jistax jinghad li tali fastidju sesswali ma giex pruvat fil-konfront ta' Charmaine Bonnici li dan it-Tribunal ma ghandu ebda dubju mill-provi prodotti li dan sar.

Illi ghar-rigward Maria Taylor dan it-Tribunal isibha difficli li jemmen li l-komportament kien jammonta ghal fastidju sesswali stante li mill-provi jirrizulta li hija qatt ma kellha oggezzjoni ghal dan il-komportament tant li anke kienet taccetta li taghmel xoghol lill-istess Mifsud meta zzewgitlu t-tifla u hadet hsieb il-make up taghha u r-ritratti; li haddiema ohra xehdu kemm hija kienet anke tipprovoka lill-irgiel li kienu jahdmu maghha. Anke l-fatt li hija damet ghal aktar minn 7 snin ma tiftah halqha, li hija tammetti in kontro-ezami li mis-sena 2008 sas-sena 2014 ma komplietx daqshekk l-affari ghax 'l-affari bdiet taqta' bil-mod il-mod biex ma jigrux' turi bic-car li hija kienet tikkonsentixxi u ghalhekk tali kunsens ma jammontax ghall-abbuz sesswali ghalkemm jista' jammonta ghall-proceduri dixxiplinari ohra.

Illi dan it-Tribunal iqis ukoll li r-rikorrent qatt ma kellu kazijiet ta' dixxiplina fuq il-lant tax-xoghol, inghata wkoll certifikat talli kien ilu jahdem ghal hames snin mall-kumpanija, u li meta kellu l-laqgha mall-Management huwa mar minghajr l-assistenza ta' Avukat u ammetta ghax minghalih li ma kien qed jaghmel xejn hazin billi jaghti kunfidenzi fuq ix-xoghol.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal iqis li l-fastidju sesswali kien hemm da parti tar-rikorrent fil-konfront ta' Charmaine Bonnici biss.

Illi dan it-Tribunal wara li ra l-atti tal-kawza iqis li t-tkeccija tar-rikorrent kienet mizura harxa wisq tenut kont li huwa qatt ma kellu kazijiet ta' dixxiplina, u li l-kumpanija ma ghamlet xejn sabiex tassigura din it-tolleranza zero li hija tghid li ghandha fuq il-post tax-xoghol. Kif dejjem gie ritenut, l-impjieg li huwa l-ghajn tal-ghejxien ghall-haddiem u l-familja tieghu huwa sagru u ghalhekk tkeccija ma tistax tinghata bhala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiza gravi tant illi meta wiehed jizen n-nuqqas tieghu mall-hsara li jista' jsofri il-principal ghal tali nuqqas, dan ixaqqleb favur il-principal.

Inoltre, "Hi disposizzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, illi principal jista' jillicenzja mpjegat tieghu ghal "raguni tajba u bizzejjed" u dan bla htiega ta' preavviz u minghajr obbligu ta' hlas. Minn dan tohrog ir-regola generali li tkeccija mill-impjieg ma tistax issehh hlief ghal raguni valida. Naturalment, ma' din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-ohra li, una volta accertata l-illegittimita tat-tkeccija, lill-impjegat ghandu jinghata rizarciment f'forma ta' kumpens. Indubbjament, "ir-raguni tajba u bizzejjed" li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta ta' l-impjegat, idoneja biex tillegittima c-cessazzjoni tar-rapport ta' mpjieg. ………….. Opportunement, irid jigi registrat illi l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta' mpjieg hu ravvizat f' dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta' fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l- presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b'riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita ta' l- allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport." (Arthur Walker vs Foster Clarks Products Limited)

Huwa biss f'din ic-cirkostanza illi t-tkeccija tkun gustifikata li f'dan il-kaz fil-fehma tat-Tribunal kien jaghmel aktar sens kieku l-kumpanija hadet mizuri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent tenut kont li l-kumpanija u cioe l-post tax-xoghol fejn kien jahdem ir-rikorrent kulhadd kien jaf bil-kunfidenzi zejda li qed ikun hemm fost l-impjegati fuq il-post tax-xoghol u ma jirrizultax li qatt hadet xi azzjoni dwar dan u inoltre meta Mifsud issejjah quddiem il-Bord huwa ma nghata ebda caution u lanqas ma gie mgharraf li jista' jkun assistit minn Avukat. It-Tribunal iqis li l-General Manager hawnhekk naqas u naqas bil-kbir.

Ghaldaqstant wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz u d-dikjarazzjoni tar-rikorrent li huwa llum huwa pensjonant jiddikjara li d-decizjoni tal-kumpanija li jkecci lir-rikorrent kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi u kienet taghmel aktar sens li kieku huwa nghata l-warning skond il-ligi u u jezegwixxi tkeccija kemm-il darba tali ncidenti regghu rripetew ruhhom.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal wara li ra l-provi kollha podotta, t-trattazzjoniji finali tal-partijiet jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib li t-tkeccija tal-appellant mill-impieg ma kinitx wahda gusta u sufficjenti.

Illi dwar il-kumpens li ghandu jinghata lir-rikorrent:

L-artikolu 81(2)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi l-kriterji li ghandu jsegwi t-Tribunal meta jigi biex jiffissa l-ammont ta' kumpens dovut u dan meta jinghad illi:

"meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll

ċirkostanzi oħra, nklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem."

Illi inoltre "L-iffissar ta' l-ammont tal-kumpens hu rimess ghall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wiehed boni viri, bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell solitu tal-bonus paterfamilias. Tali apprezzament ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal." (Appell Inf per Im Edwina Grima sentenza 30.9.2015 fl-ismijiet Daniel Damato vs Oiltanking Malta Limited (C11026)

Ghaldaqstant wara li ra l-konsiderazzjonijiet kollha tal-kaz, jiddeciedi li fic-cirkostanzi in vista tal-fatti kif graw, li r-rikorrent kellu 57 sena meta tkeccia u l-eta' tal-pensjoni tieghu hija ta' wiehed u sittin (61), u ghal dawn l-erba' snin huwa ma gab ebda prova li ghamel xi tentattiv biex isib xoghol, tenut kont li l-paga tieghu kienet ta' €13,827.15 netti fis-sena, li t-tolleranza zero tal-Management f'kazijiet ta' molestja sesswali ma gietx pruvata; l-agir tar-rikorrent fil-konfront ta' Charmaine Bonnici, u li ghalhekk, wara li ra l-konsiderazzjoniiet kollha tal-kaz, jiddeciedi li fi-cirkostanzi tal-kaz l-appellant ghandu jinghata kumpens ta' elfejn ewro (€2,000) liema somma trid tithallas mhux inqas minn hames gimghat mid-data tad-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dott. Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**